# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, l-Erbgha 6 ta' Lulju, 2022

Avviz tat-Talba numru: 191/2021 CL

**360 Retail Supplies Ltd (C64900)**

**VERSUS**

**Mohammed Darwesh**

[K.I. NRU.122502A)

It-Tribunal;

B'Avviz tat-Talba mressaq nhar il-25 ta' Gunju 2021, is-socjeta attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' elfejn u hames mitt euro (€2,500) rapprezentanti bilanc dovut minn merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut u mhux imhallsa. Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri u tal-ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A, tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-numru 973/2021 u tal-mandat ta' sekwestruu bin-numru 947/2021, u bl-imghax.

illi fit-28 ta' Frar 2022 il-konvenut ipprezenta risposta fejn intqal illi s-socjeta attrici ma kellha ebda dritt prima facie ghar-rifuzjoni tal-ammont mitlub u dan ghaliex qieghda titlob differenza ta' flus ghal makkinarju cioe lifter illi l-konvenut kien xtara minghand is-socjeta konveuta li kien diffettuz. illi minflok illi s-socjeta attrici bidlitlu l-makkinarju meta dan kien ghadu kemm gie mibjugh b'difett mohbi waqt illi kien taht garanzija u li l-konvenut seta' biss jinduna b'dan meta l-makkinarju wasal ghandu. Is-socjeta attrici kienu infurmawh illi setghu biss jibghatu lil xi hadd jiccejka l-makkinarju u jipprova jirrangah. Illi s-socjeta attrici kienet taf illi dan il-makkinarju ma setax jitranga u b'qerq u malizja talbitu sabiex johrog aktar flus fl-ammont ta' €2500 ghal makkinarju gdid li kien jiswa izjed, izda meta iccekja ma' terzi sar jaf li l-makkinarju l-gdid kien jiswa daqs l-ewwel lifter. l-konvenut soffra danni minhabba li l-lifter kien diffettuz ghax tilef ix-xoghol li huwa l-uniku mezz ta' ghixien tieghu. illi l-konvenut sab ruhu dahru mal-hajt u kellu jaccetta t-tieni lifter bil-kundizzjonijiet mitluba mis-socjeta attrici.Talab sabiex

jiddikjara illi t-talba hija frivola u minflok tikkundanna lis-socjeta attrici tali qarrqet bih u b'hekk sofra danni finanzjarji, tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut meta ma setax juza' l-makkinarju u tikkundana s-socjeta attrici thallas dawn id-danni.

Ra r-risposta ghal-kontro talba ipprezentat fis-7 ta' Marzu 2022 fejn ecepixxa erba' eccezzjonijiet preliminarji:

In-nullita tar-risposta u l-kontro talba stante li ma ntuzax il-formola appozita u flokk gie nnotifikat l-attur gie nnotifikat l-avukat, la darba giet intavolata kontro talba;

In-nuqqas tal-kompetenza tat-Tribunal rationae valoris stante li mkien ma giie ddikjarat illi l-ammont mitlub ma jeccedix il-kompetenza tat-Tribunal;

illi t-talbiet huma preskritti a tenur tal-artikolu 2153 tal Kap 16.;

illila darba si tratta ta' kuntratt ta' bejgh ir-rimedji disponibbli huma dawk insemmija fil-ligi relattivi ghal bejgh u ghalhekk seta' jipprocedi ghar-rixessjoni tal-bejgh jew tnaqqis fil-prezz jew l-artikolu dwar diffetti latenti, izda mhux talba ghad-danni.

Fil-mertu s-socjeta attrici ma kkawzat ebda danni kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ghax l-konvenut l-ewwel ghazel forklifter ta' certu specifications u meta induna li ma kienx tajjeb ghal uzu li ghalih riedu s-socjeta attrici offriet forklifter ta' kwalita' superjuri, li kien jiswa izjed. Il-konvnenut ghandu jipprova d-danni li qieghed jippretendi.

Fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2022, xehed Jonathan Sciberras, direttur tas-socjeta attrici illi Darwesh kien mar il-hanut gewwa Haz-Zebbug, u kienu urewh diversi forklifters biex jkun jista' jhott il-materjal. Perss illi l-budget tieghu kien ta' €5000, li kien ristrett, ma kienx hemm ghazla kbira. Hu ghazel *forklifter second hand*, ipprovaw gewwa l-warehouse taghhom u xtrah, hallas u bghatuhulu fil-warehouse tieghu f'Ghawdex. Wara ftit gimghat l-forklifter kellu problema bil-gas distributor,u kien ikkomunika magghom u kien hemm darba minnhom illi c-cilindru kien mqabbad hazin u darb'ohra ma kienx issikat u kienu solvewhom b'mod telefoniku.Wara ftit kellu problema u kien hemm bzonn li tinbidel il-part u huma offrew li jgibu l-part u jbidluhulu ghalkemm ma kien hemm ebda warranty li nghatat peress illi kien second hand, izda hu riedu msewwi dak il-hin u ma riedx li jordawulu u qallu li kien ha jmur u jiehu iehor u hu wiegbu li mhux problema ghalih izda ma kellux lifter fil-budget tieghu ghax li kellu kienu midjurin u hu qallu li ma kintix problema, kien jziedu d-differenza . Ghazel forklifter iehor li kien jiswa €7800 wara li ipprovah u insista li kellu jibghatulu dakinhar stess u ghalhekk kien hemm differenza ta' €2800, Hu tah €300 dak il-hin u u ghamillu rcevuta u qallu li kien ser jaghtih il-kumpalement kif jaghmlulu d-delivery Ghawdex. X'hin mar ix-xufier bil-forklifer qalli biex johrog l-lifter li kien ser jiehu u jdahhal il gdid u bda jorbot il-lifter li kien niezel lura Malta bih wara li jigbor il-flus, izda wara lli rabat il-lifter bic-cineg u mar hdejn il-garaxx sabu maghluq u ma kien hemm hadd. Beda jcempillu u qallu li ma kien ser jaghtih xejn ghax kien tah bizzejjed u qallu li ma kien qal xejn minn dan meta nizel Malta. Fil-kontro ezami hu ikkonferma illi l-ghada kellu problema ghax kien spicca l-gas u beda jqabdu hazin u wara kellu l-kamin mqabbad hazin, izda gimghatejn wara stabbilixew illi kellu problema u kellu bzonn il-parts minn barra li huma offrew li jgibuhulu u jbidluhulu fi zmien jumejn ghalkemm ma kellhomx arrangament ta' garanzija imma hu ried li jkun jista' jahdem dakinhar u nizel Malta. Gie ipprezentat

dokument fit-22 ta' Marzu 2022, bil firma tieghu u ta' Mohammed Darwesh dwar il-prezz miftiehem ghat-tieni lifter u l-bilanc li kien fadal, li gie ikkonfermat minn Jonathan Sciberras fis-seduta tas-27 ta' April 2022. Fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2022, il-kawza kienet thalliet ghal-provi tal-konvenut, izda l-konvenut ju/ew l-avukat tieghu ma dehrux. L-avukat tas-socjeta attrici talab illi l-kawza tithalla ghas-sentenza.

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – (a) Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Illi fit-22 ta' Marzu 2022, is-socjeta attrici ipprezentat nota li giet nnotifikata lil konvenut, fejn iddikjarat illi fis-seduta li kien jmiss tas-27 ta' April 2022, rapprezentant tas-socjeta attrici kien ser jixhed fil-qosor hafna u jaghlaq il-provi ghalhekk il-konvenut seta' jibda bil-provi tieghu. Illi l-kawza kienet thalliet ghal provi tal-konvenut ghat-18 ta' Mejju 2022 izda l-konvenut ma deherx u ma ingiebu ebda provi. Ghalhekk bl-applikazzjoni tal artikolu 13(b) il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddecidi din il-kawza billi jilqa' t-talba tal-attur u jikkundana lil-konvenut jhallas is-somma ta' €2500 bl-imghax mid-data tal-prezentata tat-talba odjerna sal-hlas relattiv, bl-ispejjez kontra l-konvenut. Jichad it-talbiet tal-kontro talba li gew ipprezentati mar-risposta tal-konvenut.

Jichad it-talba sabiex l-ispejjez tal-ittra ufficjali bin-numru 973/2021 u l-mandat ta' sekwestru bin-numru 947/2021 jithalsu mill-konvenut stante li ma gewx ipprezentati d-dokument relattivi fl-atti.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**